u fejn il-mezzi tal-informatika jiffaċilitaw il-messaġġi li nirċievu u li nwasslu, hemm risku kbir ta' misinofrmazzjoni u disinformazzjoni. Fil-fatt fil-poeżija Fake news, (p.40), il-poeta jurina kif aktar ma tikber l-informazzjoni aktar se jikbru l-aħbarijiet qarrieqa. F'din id-dinja fejn suppost id-dinja ċkienet, u allura wieħed jistenna li aktar sirna qrib xulxin, il-poeta jinnota kif l-iżolament qiegħed dejjem jikber u jistaqsi fejn spiċċat l-umanità (Where has humanity gone, p. 59).

Ta' min forsi wieħed jgħid li f'din il-ġabra Attard Cassar isellem ukoll lil bosta persuni jew għal kontribut tagħhom lejn is-soċjetà kif ukoll għall-umanità tagħhom minkejja s-suċċess li kisbu, fosthom lil Stephen Hawking (p.41) u Mohammed Salah (p.43)

Nagħlaq b'riflessjoni misluta mill-aħħar poeżija (Silence, p.67): Is-skiet huwa kruċjali f'din id-dinja mgħaġġla, għal benefiċċju tagħna, tal-umanità.

Il-faċċata ta' dan il-ktieb hija xogħol tal-pittur Alfred Caruana Ruggier. Dan huwa ktieb ideali ħafna speċjalment għal min qed jiffamiljarizza ruħu mal-poeżija, fejn il-messaġġ huwa fil-wiċċ. Fuq kollox għandna poeżiji qosra li iżda kollha iġagħlu lill-qarrej jaħseb u jirrifletti.




## Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2022 se jkun qed jilqa' sottomissjonijiet bejn l-14 ta' Ġunju u d-19 ta' Awwissu 2022

Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef huwa l-iktar konkors prestiġjuż ta' poeżija waħda bil-Malti. Kull sena l-konkors jiġi ġġudikat minn ġurija maħtura mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-ġurija tevalwa l-poeżiji anonimament skont damma ta' kriterji li jiffukaw fuq l-awtentiċità, is-saħħa immaġinattiva, il-karattru distintiv tal-vuċi poetika, u l-użu oriġinali tar-ritmu u l-figuri tat-taħdit.

Ir-rebbieħa tal-konkors jitħabbru u jirċievu l-premju tagħhom f'ċerimonja ta' premjazzjoni matul il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2022. Il-ġurija tirriżerva d-dritt li l-premjijiet ma jingħatawx jekk tqis li ma jkunx intlaħaq il-livell mistenni.

### Tliet Premjijiet

L-ewwel premju: €1,000
It-tieni premju: €200
It-tielet premju: €100

### Kif Tipparteċipa

Is-sottomissjonijiet għandhom jinkludu l-formola tal-applikazzjoni u erba' kopji ta' poeżija oriġinali bil-Malti li ma ġietx ippubblikata qabel u li ma taqbiżx is-36 vers, u għandhom jintbagħtu bil-posta lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Kumpless Bice Mizzi Vassallo, Triq Arnhem, Pembroke PBK 1776.

L-applikazzjoniet għandhom jaslu fl-uffiċċji tal-KNK sa nhar il-Ġimgħa 19 ta' Awwissu 2022 f'nofsinhar. Ibgħat ukoll kopja skennjata u ffirmata tal-applikazzjoni tiegħek flimkien mal-poeżija bl-email fuq: michael.mercieca@gov.mt

Inħeġġu lill-parteċipanti kollha li jaqraw ir-regoli birreqqa qabel ma jdaħħlu l-applikazzjoni tagħhom.